MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2012

Numru 80/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Anthony Portelli)**

**vs**

**PAUL CARUANA**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni li permezz taghha Paul Caruana ta 49 sena, iben Angelo u Mary nee’ Galea, imwieled Zejtun nhar il-24.10.1960 u residenti no. 501, Triq Il-Fortizza, Madliena, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 753660(M).

Akkuzat talli gewwa l-Qorti fil-Belt Valletta, fit-18 ta’ Frar 2004, halef il-falz quddiem imhallef, magistrate jew

quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b'ligi li jaghti l-gurament.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-ligi, tapplika l-provvediment ta' l-Artikolu 109 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet provi.

Rat l-atti u d-dokumenti esebiti.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali esebit bhala Dok. AP3 u li jinsab a fol. 9 tal-Process u nnutat li l-imputat Paul Caruana m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li fis-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010, id-Difiza eccepiet l-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur tal-artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkuza migjuba kontra l-imputat.

Semghet trattazzjoni mill-partijiet dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mid-Difiza fis-Seduta tas-16 ta' Marzu, 2010.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tal-11 ta' Mejju, 2010, il-Prosekuzzjoni u d-Difiza iddikjaraw li jaqblu li l-kawza fl-Appell Civili fl-ismijiet 'Rudolphe Gaerty vs Tamara Brincat et' liema kawza tinkludi lill-imputat Paul Caruana bhala wiehed mill-Appellanti giet deserta fit-13 ta' Gunju, 2008.

Tinnota li l-imputat odjern jinsab akkuzat bir-reat li jinkwadra ruhu fl-artikolu 108(1)(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi tali reat jikkomporta piena ta' minn erba' xhur sa sena prigunerija. Konsegwentement il-perjodu ta' preskrizzjoni hu dak kontemplat fis-sub- artikolu 688(d) tal-Kap. 9 u cioe' bl-eghluq tal-hames snin.

Illi mit-Tahrika jirrizulta li din it-Tahrika giet iffirmata mill-Ispettur Anthony Portelli fit-2 ta' Frar, 2010 (Ara timbru tal-

Ispettur u l-firma fuq dan it-timbru mill-istess Spettur fit-Tahrika).

Illi l-akkuza addebitata lill-imputat tghid: “Billi int akkuzat talli gewwa l-Qorti fil-Belt, Valletta, fit-18 ta’ Frar 2004 hlift il-falz quddiem imhallef magistrate jew quddiem ufficjal iehor li jkollu s-setgha b’ligi li jaghti l-gurament.”

Minn din l-akkuza jemergi li ir-reat in kwistjoni allegatament gie kommess fit-18 ta’ Frar 2004. Ghaldaqstant ma jirrizultax li tali reat hu reat kontinwat.

F’dan l-istadju il-Qorti taghmel referenza ghal Vera Kopja ta’ Sentenza moghtija mill-Prim’Awla tal-Qorti Civili per Imhallef Geoffrey Valenzia B.A., LL.D fit-30 ta’ Mejju, 2005 fl-ismijiet: Rudolph Gaerty vs Tamara Brincat nee Caruana li ghandha karta ta’ l-identita’ numru 95373(m); u Paul Caruana li ghandu karta ta’ identita’ numru 753360(m) ghal kull interess li jista’ jkollu; u r-Registratur tal-Qrati ghal kull interess li jista’ jkollu.

Illi minn folio 149 tal-process fis-Sentenza hawn fuq riferita il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran:

“Il-Qorti hi tal-fehma li f’dan il-kaz Paul Caruana xehed falz billi dak li qal hu michud minn fatti li jirrizultaw mill atti u mhux biss hemm kunflitt ta’ provi.”

Illi minn folio 151 tal-process fl-istess Sentenza tal-Prim’Awla tal-Qorti Civili, u hawn il-Qorti tissottolinja l-fatt li fil-kawza hawn riferita il-Qorti kienet Qorti Civili u mhux wahda Kriminali, il-Qorti sejra ticcita is-segwenti bran:

“Tordna li Paul Caruana jigi arrestat minnufih u li minghajr dewmien, permezz tar-Registratur, tintbghat kopja ta’ dawn l-atti lill Qorti tal-Magistrati biex jitmexxa kif trid il-Ligi.”

Mis-suespost jemergi li l-Ordni tal-Prim’Awla fis-Sentenza hawn fuq riferita inghatat fit-30 ta’ Mejju, 2005 mentri ir-reat addebitat lill-imputat allegatament sehh fit-18 ta’ Frar 2004. Minn dan kollu jemergi li l-perijodu ta’ hames snin

bejn id-data tat-18 ta’ Frar 2004 (data li allegatament sehh ir-reat) skond l-akkuza u id-data tal-firma tat-Tahrika mill-Ufficjal Prosekutur u cioe’ fit-2 ta’ Frar, 2010 ghaddew aktar mit-terminu ta’ hames snin preskritt fis-subartikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Ghaldaqstant il-Qorti tilqa’ l-eccezzjoni tad-difiza tal-preskrizzjoni ta’ hames snin a tenur tal-artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta u tillibera lill-imputat Paul Caruana mill-akkuza migjuba kontra tieghu stante li din l-akkuza hi preskritta bit-terminu ta’ hames snin skond l-artikolu 688(d) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------